**22. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor Louis Grech ppropona:**

Illi l-Kamra tad-Deputati,

Wara li rat l-Ordni Permanenti 120B taħtar il-Kumitat Permanenti sabiex jikkonsidra abbozzi ta' liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem l-istess Kumitat jew lilu riferut mill-Kamra.

Skond l-istess Ordni Permanenti, il-Kamra tistabbilixxi li l-għadd ta' membri li għandhom joqogħdu f'dan il-Kumitat Permanenti u li jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skond l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni jkun ta' 7, b'dan li 4 minnhom ikunu min-naħa tal-Gvern inkluż il-President tal-istess Kumitat u 3 minnhom ikunu min-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-Kamra tinnomina bħala President li għandu jippresjedi l-istess Kumitat Permanenti, lill-Onorevoli  Luciano Busuttil, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat jiġu nominati skont kif jipprovdi l-Ordni Permanenti 120B(3).

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-membri nominati kif provdut fl-Ordni Permanenti 120B(4).

18.04.13